MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Numru. 265/2004

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Antonello Grech)**

**vs**
**Kevin Stafrace bin Michael u Dolores nee' Chircop, imwieled fit-18 ta' Jannar, 1976 u residenti fil-fond 52, Triq D'Argens, Msida, Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 94676(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Kevin Stafrace talli nhar l-10 ta' April, 2004, ghall-habta tas-7:30p.m. fl-inhawi ta' Wied tac-Canti limiti tar-Rabat, Ghawdex:

1) kien idur ghall-kacca b’arma tan-nar tal-marka Benelli Nru. U137500 minghajr licenzja valida tal-Kummissarju tal-Pulizija (Kap 10 Art 205(2))
2) aktar talli bi ksur tal-A.L. 145/93 Sec 4 wettaq xi attivita’ li dwarha hi mehtiega xi licenzja taht dawn ir-regolamenti kemm-il darba ma kienx qabel hallas il-pagamenti dovuti stipulati taht dawn ir-regolamenti u kiseb il-licenzji relattivi skond il-kundizzjonijiet stipulati taht skeda VI li tinsab ma’ dawn ir-regolamenti (A.L. 146/93 Sec 4 (a));
3) u b’hekk ma kellux polza ta’ l-assigurazzjoni ghall-hsara lil terzi jew hsara fil-propjeta’ taghhom (AL 41/03 Skeda VI Art 10);

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat b’mod volontarju ,liema ammissjoni giet riaffermata wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat stess , il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 4a u 10 tal-Avviz legali numru 146/93, l-artikolu 10 tal-Iskeda numru VI tal-Avviz Legali 41/93 u l-artikolu 205(2) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa komplessiva ta’ mitt lira Maltin (Lm100) liema multa ghandha tithallas f’rati mensili ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) bl-ewwel pagament dovut sa mhux aktar tard mill-15 ta’ Awissu, 2004.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------